A.L. 77 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(KAP 437)

Regoli ta' l-2005 dwar Kategoriji ta' Materjali għall-Ikel li jistgħu jiġu wżati għat-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tal-Ikel Komposti għal Annimali Domestiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005, dwar Kategoriji ta' Materjali għall-Ikel li jistgħu jiġu wżati għat-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tal-Ikel Komposti għal Annimali Domestiċi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 82/475/KEE dwar kategoriji ta' materjali għall-ikel li jistgħu jiġu wżati għal raġunijiet ta' tqegħid ta' tikketti fuq prodotti tal-ikel komposti għal annimali domestiċi.

Kategoriji mniżżla fl-Iskeda li jistgħu jiġu ndikati fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta.

2. Meta, konformament ma' l-Artikolu 5 (3) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 79/373/EEC, l-indikazzjoni ta' l-isem speċifiku tal-materjal għall-ikel tista' tiġi rimpjazzata bl-isem tal-kategorija li jappartjeni għaliha l-materjal għall-ikel, huma l-kategoriji mniżżla fl-Iskeda hawn annessa biss li jistgħu jiġu indikati fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta ta' prodotti ta' l-ikel komposti għal annimali domestiċi.

SKEDA

Kategoriji ta’ materjali għall-ikel li jistgħu jiġu ndikati minflok materjali għall-ikel individwali

Deskrizzjoni tal-kategorija	Definizzjoni
1. Laħam u derivattivi minn annimali	Kull parti mlaħħma ta’ annimali ta’ l-art b’demm sħun maqtula, friski jew ippriservati permezz ta’ trattament adattat u derivattivi tal-ipproċessar tal-karkassa jew partijiet mill-karkassa ta’ annimali ta’ l-art b’demm sħun
2. Ħalib u derivattivi mill-ħalib	Il-prodotti tal-ħalib kollha, friski jew ippriservati permezz ta’ trattament adattat u derivattivi mill-ipproċessar tagħhom
3. Bajd u derivattivi mill-bajd	Il-prodotti tal-bajd kollha friski jew ippriservati permezz ta’ trattament adattat u derivattivi mill-ipproċessar tagħhom
4. Żjut u xaħmijiet	Żjut u xaħmijiet mill-annimali u veġetali kollha
5. Yeasts	Il-*yeasts* kollha, li ċ-ċelloli tagħhom ġew maqtula jew mnixxfa
6. Ħut u derivattivi mill-ħut	Ħut jew partijiet minn ħut, friski jew ippriservati permezz ta’ trattament adattat, u derivattivi mill-ipproċessar tagħhom
7. Ċereali	Kull tip ta’ ċereali, mingħajr ma jingħata każ għall-preżentazzjoni tagħhom, jew prodotti magħmula minn *starchy endosperm*
8. Ħxejjex	Kull tip ta’ ħxejjex u legumi, friski jew ippriservati permezz ta’ trattament adattat
9. Derivattivi ta’ oriġini veġetali	Derivattivi li jirriżultaw mit-trattament ta’ prodotti veġetali b’mod partikolari ċereali, ħxejjex, legumi u żerriegħa taż-żejt
10. Estratti ta’ proteina veġetali	Il-prodotti kollha ta’ oriġini veġetali fejn il-proteini ġew ikkonċentrati permezz ta’ proċess adegwat sabiex ikun fihom mill-inqas 50% proteina kruda, hekk kif relatata mal-prodott niexef u li jista’ jiġi ristrutturat
11. Minerali	Is-sustanzi inorganiċi kollha li huma adegwati għall-ikel tal-annimali
12. Zokkor varju	It-tipi kollha ta’ zokkor
13. Frott	It-tipi kollha ta’ frott, frisk jew ippreservat permezz ta’ trattament adattat

14. Ġewż	Il-qalba kollha mill-qoxra
15. Żerriegħa	It-tipi kollha ta' żrieragħ sħaħ jew imfarrka
16. Alga	Alga, friska jew ippriservata permezz ta' trattament adattat
17. Molluski u krostaċji	It-tipi kollha ta' molluski, krostaċji, ħut bil-qoxra, friski jew ippriservati permezz ta' trattament adattat u derivattivi mill-ipproċessar tagħhom
18. Insetti	It-tipi kollha ta' insetti u l-istadji ta' żvilupp tagħhom
19. Prodotti tal-forn	Il-prodotti ta' ħobż, kejkijiet, biskuttini u għaġin kollha